MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 119/2015

**Dr Carol Peralta**
**ID 661152 M**

**Vs**

**Emil Thidell**
**ID 61985A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Frar, 2015 fejn l-attur talab illi l-attur kien jikri lill-konvenut l-appartament internament immarkat bin-numru 6, F'Blokk Numru 6, Peralta Court, Ir-Rampa ta' San Giljan, San Giljan skond kopja ta' kuntratt ta' kera, hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi matul il-perjodi ta' kera, il-konvenut ikkaguna diversi hsarat kemm fuq il-mobbli kif ukoll fuq l-immobbli, liema hsarat jinsabu elenkati f'lista, hawn annessa u mmarkata Dok B;

Illi l-konvenut hallas depozitu ta’ elf, sitt mija u hamsin ewro (€1,650) sabiex jaghmel tajjeb ghall kull eventwali hsarat, meta kien iffirma l-kuntratt tal-kera;

Illi per di piu, il-konvenut halla warajh wall mirror, wall clock u stampa mal-hajt. Illi l-valur taghhom mhuwiex aktar minn mija u hamsin ewro (€150), u kif ukoll hallas ghal kont is-somma ta’ mitt ewro (€100) sabiex jissewwa D-WC u l-flushing tat-toilet;

Illi l-hsarat jammontaw ghal tlet elef, disgha mija u tmienja u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,978.85) u dank if imfisser f’Dok B;

Illi meta wiehed inaqqas  minn dan l-ammont id-deposit ta’ elf, sitt mija u hamsin ewro (€1,650), il-hlas ta’ mitt ewro (€100) u l-valur ta’ mija u hamsin ewro (€150) ta’ l-oggetti li halla warajh il-konvenut, jifdal bilanc ta’ elfejn, tmienja u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,078.85);

Illi ghalhekk, l-attur huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta’ elfejn, tmienja u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,078.85);

Illi l-konvenut irrifjuta illi jhallas nonostante illi kien interpellat verballment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali skond il-ligi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal- 5ta’ Mejju, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-5 ta’ Mejju, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mill-attur fil-5 ta’ Mejju, 2015 fejn l-ammont gie ridott ghal elf, tmienja u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1,078.85).

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma elf, tmienja u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1,078.85) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------